# BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA'

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 13 ta' Lulju 2001**

**Rikors numru 18/97**

**Numru 33**

**Joseph, Tony, John, Paul, Mario, Rina, Carmen Inguanez, Mary Formosa, Joyce Francalanza, ilkoll ahwa Bonnici u Sylvia Spiteri f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri Lara Ann Bonnici, bhala s-successuri tal-mejjet Peter Bonnici**

**vs**

**Salvu Muscat**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew illi huma jikru lill-intimat ghalqa li tinsab fi Triq Tal-Gebel, Birzebbuga versu il-kera ta' erbgha liri u nofs (Lm4.50) fis-sena pagabbli fl-ahhar tax-xahar ta' Awissu ta' kull sena b'lura;

Illi l-intimat m'huwiex qed izomm fi stat tajjeb l-istess ghalqa lilu mikrija u partikolarment il-hitan ta' l-istess raba' li jinsab f'partijiet minnu imwaqqa' u mizmum fi stat hazin u ilu f'dan l-istat ghal perjodu itwal minn sentejn;

Illi ghalkemm gie ghal diversi drabi interpellat kemm verbalment u kif ukoll permezz ta' ittra legali tat-23 ta' April 1996, u zewg ittri ufficjali tal-21 ta' Gunju 1996 u ta' l-4 ta' April 1997, sabiex jirranga l-istess hitan u jzomm l-ghalqa fi stat tajjeb huwa baqa inadempjenti;

Illi oltre dan ir-rikorrenti jehtiegu l-istess raba' sabiex tigi wzata ghal skopijiet agrikoli minnhom personalment jew minn membri tal-familja taghhom;

Talbu illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzhom jirriprendu l-pussess tar-raba' fl-iskadenza tal-kera li jmiss.

Ra r-risposta tal-intimat (a fol 4 tal-atti) li biha espona illi fl-ewwel lok ir-rikors promotur huwa wiehed null stante li ma jikkontjeniex wiehed mir-rikwiziti tassattivi kontemplati f'artikolu 4(1) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' t-talba ghall-likwidazzjoni tal-kumpens li

f'kaz li l-Bord jiddeciedi favur t-talbiet tar-rikorrenti, jista jigi deciz mill-istess Bord li huwa dovut kumpens favur l-intimat.

Illi fit-tieni lok mhux minnu li l-intimat ma huwiex qieghed jzomm l-ghalqa nkwistjoni fi stat tajjeb partikolarment il-hitan kif gie allegat fir-rikors promotur, anzi kuntrarjament ghall-allegazjonijiet citati membri tal-familja tieghu jahdmu regolarment l-ghalqa nkwistjoni u hija necessarja u ta' utilita kbira ghalihom sabiex jaqilghu l-ghixien taghhom ta' kuljum u dana peress li uhud minn ulied l-esponenti llum huma rahhala fuq bazi "full time" u ohrajn fuq bazi "part time" u minn l-ghalqa nkwistjoni jiehdu prodotti regolari necessarji ghall-gestjoni tal-mistier taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

In vista tal-premess l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad t-talbiet tar-rikorrenti.

Ra d-digriet moghti fit-23 ta 'Jannar 1998 (a fol 6 u 7 tal-atti) u li bih il-Bord laqa' it-talba tar-rikorrenti dwar zieda u nomina ta' Imhallef supplenti (ara ukoll fol 10 tal-atti).

Ra ukoll id-digriet moghti fis-16 ta' April 1998 (fol 8 u 9 tal-atti) in rigward nomina ta' Magistrat supplenti u dak ulterjuri a fol 33 u 34 tal-atti.

Ra dak verbalizzat a fol 10 tal-atti dwar ir-rinunzja tal-ahhar kawzali kif ukoll dak a fol 11 tal-atti in rigward in-nomina ta' Periti Teknici.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni.

Ikkunsidra

Illi l-ewwel xhud prodott mir-rikorrenti kien Leli Schembri (fol 12 tal-atti) ex-propjetarju ta' ghalqa l'fuq minn dik in kwistjoni. Wara li xehed illi, in rigward l-ghalqa imsemmija fir-rikors, din jafha bhala mikrija lill-intimat, hu ftakar li "kien hemm hajt tas-sejjiegh izda meta bdew dehlin il-baqar, bdew iwittu l-imsemmija hitan. Nghid illi kienu dawna l-istess baqar li meta kienu jaqbzu u jidhlu fl-ghalqa, kienu jidhlu bl-addocc u kienu jwaqqghu l-hitan" gholjin madwar metru "........ fitit aktar .... fitit anqas". In rigward l-istess punt, hu kompla jghid "matul is-sitt snin li kelli l-ghalqa ta' fuq, gieli rajt baqar jwaqqghu il-gebel tal-hitan u hadd ma kien jaghmel xejn biex jerga'

jpoggilhom f'posthom" (ara ukoll ix-xhieda ta' Guseppi Schembri a fol 58 u 59 tal-atti).

Illi diversi mir-rikorrenti xehdu u esebew dokumenti bil-proceduri ta' "affidavits" (fol 21 sa 27 tal-atti). Joseph Bonnici ssottolinea li fl-istess ghalqa maqsuma f'diversi hbula kien hemm "diversi hitan" li kienu shah. Hu, testwalment, kompla jghid ".... lanqas illum dawn il-hbula ma huma fl-istess livell, pero', illum il-gurnata saru forma ta' nizla peress li dawn il-hitan .... ma ghadhomx hemm jew jinsabu fi stat hazin hafna". Paul Bonnici (fol 22 ibid) sostna li l-hitan saru fi stat hazin meta l-ghalqa kienet giet f'idejn l-intimat. Inoltre hu xehed ulterjorment li gieli ra baqar appartenenti lill-intimat jghaddu mill-istess ghalqa sabiex l-istess intimat johodhom fil-kumplament tar-raba' tieghu. In rigward dan ix-xhud kien jghid lill-omm sabiex hi tkellem lill-intimat sabiex jerga' jtella l-hitan imwaqqghin mill-gdid izda, mid-dehra, ghal xejn. Inoltre hu accenna ghall-fatt li l-intimat kien qed jippermetti sallum lill terzi persuni sabiex jghaddu minn fuq l-istess ghalqa u b'hekk, jaccedu ghar-raba' taghhom. In konnessoni mal-hitan imwaqqghin u in rigward terzi persuni li kienu jithallew jghaddu minn fuq l-istess ghalqa mill-intimat, kienu intbaghtu diversi ittri lil dan, li, pero', jidher li gew injorati (ara fol 24, 25 u 26 tal-atti).

Rina Bonnici (fol 23 ibid) fis-sustanza, irrepetiet dak li xehed Paul Bonnici waqt li Mario Bonnici (fol 27 u 27A tal-atti) oltre li xehed li kien jara l-imsemmija baqar dehlin fi sqaq li jaghti direttament ghall-istess ghalqa esebixxa tlett ritratti mehudin minnu "ftit zmien wara li ppresentajna din il-kawza". Fuq dawn ir-ritratti, bi vlegeg blu, hemm markat, fejn kienu sitwati, l-hitan qabel ma twaqqghu, bi partijiet tal-istess hitan imwaqqghin ghadhom jidhru.

Illi l-istess rikorrenti, fl-ahhar nett, esebew "site plan" u pjanta tal-istess ghalqa (fol 36 u 37 tal-atti).

Ikkunsidra

Illi l-intimat, fix-xhieda tieghu a fol 64 tal-atti, irrileva li l-ghalqa in kwistjoni kienet, fil-present, qed tinhadem mit-tfal tieghu subien ossija Peter u Leli bl-ghajnuna ukoll ta' huthom bniet. In rigward il-hitan, hu jsostni li dawn kienu, minn dejjem, jinqalbu bhala konsegwenza diretta tal-maltemp u tal-ilma tax-xita li jidhol mill-isqaq li minnu tidhol ghal gol-istess ghalqa kif ukoll li jigi mir-raba sovrastanti. Minhabba hekk il-gebel tal-hitan kien "jispicca fil-wied". Hu sostna ulterjorment li, kull sena, wara li kien jinhasad il-wicc, kien jerga jtella, matul is-sajf, l-istess hitan li jkunu waqghu, fix-xitwa minhabba r-raguni li ghadha kemm issemmiet. In rigward,

baqar, hu, sahaq li kien minnu li madwar ghaxar snin ilu, hu kien inizzel xi bhejjem sabiex jirghu f'Marzu u f'April wara li tinqala l-patata jew is-silla. Hu qal, in rigward dan, li kien minnu li l-baqar kien jwaqqghu l-gebel izda "ma kienux jwaqqghu hafna". Hu semma' ukoll il-hsara li ssir minn nies li jwaqqghu gebel mill-istess hitan sabiex jsibu l-bebbux.

Illi xehdu diversi tfal tal-intimat ossija <u>Emanuel Muscat</u> (fol 46 u 47 tal-atti) li, presentement qed jahdem l-istess ghalqa fis-sustanza, rrepeta dak li xehed missieru, l-intimat izda muri l-imsemmija ritratti (fol 28) gharaf l-ghalqa fuq dak markat bl-<u>ittra A</u>. <u>Joseph Muscat</u> (fol 51 sa 53 ibid) impjegat mal-Korporazzjoni EneMalta u li jghin lil huh Emanuel fix-xoghol tar-raba', kif ukoll <u>Giuseppa Debono</u> (a fol 54 sa 56) li t-tnejn, irreferew ghall-istess fatti li ghamlu accenn ghalihom l-intimat u Emanuel Muscat.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi, fid-dawl tal-premess, rinfaccjat bil-versjonijiet konfliggenti kif hawn fuq esposti il-Bord ikkunsidra s-segwenti sabiex jasal ghall-konkluzjoni tieghu:-

a) Ir-rapport tal-istess Periti Teknici (fol 43 sa 44 tal-atti). F'dan jinghad b'referenza ghall-eccess li sar fit-13 ta' Ottubru 1998 "Ingibdet ukoll l-attenzjoni tal-Membri Teknici illi parti mill-hitan tas-sejjiegh tal-bordura (boundary wall) kienu mibnija ukoll fuq il-hamrija u mhux fuq il-pedamenti originali li gew mikxufa mir-rikorrenti ghall-okkazzjoni tal-istess spezzjoni sabiex jkun jista' jigi kunstatat ......" kif ukoll ".... l-istess raba' kien ghadu mahrut frisk u kien hemm indikazzjoni ukoll illi l-hitan tas-sejjiegh kienu mtellghin ricentement" oltre li saret allegazzjoni ".... ghar-rigward il-katina f'nofs l-ghalqa li nbniet recentement kienet allegatament inbniet direttament fuq il-hamrija fejn skond ir-rikorrenti, qatt ma kien hemm l-ebda hajt tas-sejjiegh".

b) Ir-ritratt markat fuq wara bl-ittra A li fuqu hemm murija l-ghalqa in kwistjoni, fatt ammess mit-tfal tal-istess intimat u li minnu wiehed jista' jara ghalqa pjuttost traskurata u zdingata u bil-hitan imwaqqghin, hsara, certament, mhux ta' importanza zghira (ara l-artikolu 4 (2) (f) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidra

Illi ghalhekk jidher li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi akkolta, minghajr ebda kumpens dovut.

Ghal dawn il-motivi, il-Bord jilqa t-talba tar-rikorrenti u jawtorizza lill-istess rikorrenti sabiex sal-31 ta' Awissu 2001 jirriprendu l-pussess tal-ghalqa li tinsab fi Triq tal-Gebel, Birzebbugia u li hi murija fuq il-pjanti a fol 36 u 37 tal-process liema pjanti ghandhom jiffurmaw parti integrali ta' din id-decisjoni, bl-ispejjes kontra l-istess intimati.

Alan Calleja
Dep.Reg.